

Minbarra dan, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali minħabba ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni ta' l-atti ta' awtorità fis-sens ta' l-Artikolu 256 KE.

Minbarra dan, id-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenti ġew miksura inkwantu t-talba tagħha li jkollha aċċess għall-atti ġiet miċħuda u, konsegwentement, kien impossibbli għaliha li tikkonstata liema osservazzjoni ta' fatt ġiet invokata sabiex tiġġustifika t-talba għall-ħlas.

Ir-rikorrenti tikkontesta wkoll il-fatt li l-kuntratt ta' promozzjoni ma ġiex itterminat b'mod validu u li ma jeżistix il-kundizzjonijiet essenzjali għat-terminazzjoni tiegħu. F'dan il-kuntest, hija ssostni, fost affarijiet oħra, li t-terminazzjoni ta' l-imsemmi kuntratt, kif ukoll it-talba għar-rifużjoni tas-somma ta' għajjuna finanzjarja mħallsa, jikkostitwixxu ksur tal-prinċipju tal-ħarsien ta' l-aspettattivi leġittimi.

(<sup>1</sup>) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 95/563/KE, ta' l-10 ta' Lulju 1995, dwar l-implementazzjoni ta' programm li jħeġġeġ l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej (Media II — Żvilupp u distribuzzjoni) (1996-2000) (ĠU L 321, p. 25) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2007 — Grohe vs L-UASI — Compañia Roca Radiadores (ALIRA)

(Kawża T-315/07)

(2007/C 235/48)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Grohe AG (Hemer, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Lensing-Kramer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Compañia Roca Radiadores, S.A.

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell tad-19 ta' Ġunju 2007 mogħtija fil-kawża R 850/2006/4;
- sussidjarjament, tannulla jew temenda d-deċiżjoni kkontestata safejn din tammetti l-eżistenza ta' xebh bejn il-merkanzija "Küchenhähnen" u "gusseiserne Badewannen", u għaldaqstant probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali in kwistjoni;
- sussidjarjament, tannulla jew temenda d-deċiżjoni kkontestata safejn din tammetti l-eżistenza ta' xebh fonetiku bejn it-

*trade mark* irreġistrata u *t-trade mark* li fuqha tibbaża ruħha l-oppożizzjoni fi Spanja, u għaldaqstant, f'dan ir-rigward, ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali in kwistjoni;

- sussidjarjament, tannulla jew temenda d-deċiżjoni kkontestata safejn din tafferma n-nuqqas ta' fama ta' l-isem AKIRA għal *cartoon* Ġappuniż fi Spanja, u għaldaqstant, f'dan ir-rigward, ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali in kwistjoni
- tordna li l-UASI jbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-*trade mark* Komunitarja: Grohe AG.

*Trade mark* Komunitarja kkonċernata: it-*trade mark* verbali "ALIRA" għall-prodotti fil-klasi 11 (applikazzjoni Nru 2 766 640).

Proprietarju tat-*trade mark* jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Compañia Roca Radiadores, S.A.

*Trade mark* jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: it-*trade mark* verbali "AKIRA" għall-prodotti fil-klasi 11 (applikazzjoni Nru 2 045 604).

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: l-oppożizzjoni tiġi mil-qugħa u r-reġistrazzjoni tiġi miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: ir-rikors jiġi miċħud.

Motivi invokati: ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 (<sup>1</sup>), minħabba li ma teżistix probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-*trade marks* in kwistjoni.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-*trade mark* Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2007 — Commercys vs L-UASI — easyGroup IP Licensing (easyHotel)

(Kawża T-316/07)

(2007/C 235/49)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Commercys AG (Weimar, il-Ġermanja) (rappreżentant: F.Jaschke, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: easyGroup IP Licensing Limited